Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 123/2015

Il-Pulizja

Vs

Caroline Sammut

Illum 21 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Caroline Sammut, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 682267M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-9 ta' Frar, 2015 ghall-habta ta' bejn is-19:15hrs u 19:45hrs gewwa l-ghassa tan-Naxxar.

1) Volontarjament ksiret il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;
2) Insulentat, heddet jew ingurjat bi kliem jew mod iehor lil Marco Gauci.
3) Naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha minn PC 249 u PC 924, ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallietx, fixklet jew indahlet lill-imsemmija ufficjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(dd), 339(1)(e) u 338(ee)

tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (1), (2) u (3): Jirrizulta: piena komplessiva ta' mitejn Ewro (€200) multa.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carolien Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u thassar s-sentenza appellata fejn sabitha hatja tal-akkuzi u fejn ikkundannata ghal piena ta' mitejn Ewro multa u minflok tilliberaha mill-imputazzjonijiet kif dedotti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Caroline Sammut huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant ma setghat qatt tirrizulta bil-konsegwenza illi jkun hemm il-htija taghha.

Illi mill-provi ghandu jirrizulta illi l-appellanta ma wettqet xejn mill akkuzi dedotti kontra taghha – illi hija, bhala cittadin normali u ghal kollox estraneja ghall-incident li kien sehh qabel bejn omma u ohtha, marret tikkompaja lill-ommha l-Ghassa tal-Pulizija, u dahhlet fl-istorja bhal pilatur fil-kredu meta Marco Gauci, s-sieheb ta' oht l-appellanta, Melanie, ghajjarha u hebb ghaliha.

Illi filwaqt illi dan Marco Gauci xehed quddiem l-ewwel Qorti illi appena dahhlet l-Ghassa, l-appellanta ghajrithu u ghamel li ghamel biex jiddefendi ruhu (sic!), b'dan kollu din il-verzjoni tal-fatti hija inverosimili in kwantu illi (a) l-appellanti ma kinitx tafu lil dan Marco Gauci, (b) l-appellanti ma kinitx taf minn hemm fl-Ghassa f'dak il-hin li dahlet, u konsegwentement ftit tista' titwemmen il-verzjoni illi appena dahhlet l-Ghassa ghajritu.

Illi di piu' hemm kunflitt car fil-provi fejn il-verzjoni moghtija minn Marco Gauci u Melanie Caruana fuq in-naha l-wahda u l-verzjoni kif moghtija minn Giovanna

Caruana u Caroline Sammut fuq in-naha l-ohra, liema kunflitt certament jnissel, jekk xejn, dubbju ragjonevoli dettal mir-raguni dwar x'seta' gara, liema dubbju certament ghandu jimmilita a favur l-appellanta.

Illi ghaldaqstant, l-ewwel Qorti kienet skorreta fattwalment, ghamlet apprezzament ghal kollox zbaljat tal-fatti mressqa quddiema u dan bil-konsegwenza illi sabet il-htija tal-appellanta u konsegwentement immultata.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-appellanti fejn fl-impunjattiva minnha imressqa hija tilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha meta sabet htija ghat-tlett imputazzjonijiet kontravvenzjonali migjuba fil-konfront taghha. Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-**

**Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa minn qari tas-sentenza impunjata ma jidhirx illi hemm xi motivazzjoni singolari li abbazi taghha l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellanti billi s-sentenza tindika biss illi l-kawza hija wahda konnessa ma' dik f'kawza ohra fuq il-lista tal-kawzi iffissatti ghall-istess jum, izda ma hemmx indikazzjoni ohra li tista' taghti senjalazzjoni dwar dak li wassal lill-Ewwel Qorti ghal dikjarazzjoni ta' htija. Madanakollu din il-Qorti kellha x-xorti li tisma x-xhieda mill-gdid u allura tista' tasal biex tistabilixxi jekk l-Ewwel Qorti setatx abbazi tal-provi li kellha quddiemha tasal legalment u ragjonevolment ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-appellanti. Fuq kollox l-Ewwel Qorti ma kenitx marbuta ad validitatem illi taghti motivazzjonijiet fid-decizjoni taghha li issa qed tigi impunjata ghalkemm kien deziderabbli illi ghal ta'l-inqas il-persuna misjuba hatja tinghata xi mottiv anke jekk fil-qosor dwar dak li wassal lill-Qorti ghal decizjoni dwar r-reita' taghha.

Affermat dan, din il-Qorti tqies ghalhekk illi hija ghandha terga' taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi billi tali apprezzamnet ma jinstabx rifless fid-decizjoni impunjata fl-assenza ta' motivazzjoni adegwata.

Illi sfortunatament l-isfond ta' dan il-kaz isib il-qofol tieghu f'disgwid familjari bejn omm u bint fejn izzeffnet fin-nofs l-appellanti li tigi ukoll bint Giovanna Caruana l-omm, u oht Melanie Caruana. Illi dan id-disgwid wassal biex il-minuri Miriana Caruana, bint Melanie spiccat bhal ballun fin-nofs bejn nannietha u ommha. Jidher illi din Melanie Caruana kellha relazzjoni ma' certu Marco Bonnici, liema relazzjoni ma tantx jidher illi nizzlet tajjeb ma' l-omm Giovanna Caruana u l-kumplament tal-familja. Illi fil-jum ta' dan l-incident jidher illi inqala' disgwid bejn Giovanna Caruana u bintha Melanie fejn l-omm tallbet lil bintha l-ohra u cioe' lill-appellanti twassalha l-ghassa tal-pulizija sabiex taghmel rapport. Jidher illi mal-wasla taghhom gewwa l-ghassa tal-pulizija kien hemm ukoll Melanie Caruana flimkien mas-sieheb taghha Bonnici. Hawnhekk inqala' argument iehor fejn dahhlet fin-nofs l-appellanti li wara li marret tipparkja l-vettura taghha, hekk kif nizzlet lil ommha quddiem l-

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

ghassa, hija dahhlet mill-bieb tal-ghassa u hemmhekk inqala' divverbju bejnha u bejn Bonnici fejn dan Bonnici spicca hebb ghaliha. Jidher illi ghalkemm l-appellanti ma indirizzatx lil Bonnici direttament, ma hemmx qbil bejn il-partijiet jekk id-diskors li qalet l-appellanti kienx bhala ritaljazzjoni ghal fatt illi Bonnici kien indirizzaha bil-kelma "qahba". Madanakollu jirrizulta indubbjament ippruvat illi l-appellanti b'mod indirett iddiskreviet lil Bonnici bhala "purcinell" u "mignun". Wara li sema' dawn il-kliem Bonnici imbaghad hebb ghaliha fejn kellu jigi imrazzan mill-pulizija. Illi dan l-incident sehh kollu gewwa ghassa tal-pulizija. Illi il-pulizija prezenti gewwa l-ghassa u cioe' il-PS249 u il-PC 924 it-tnejn huma konkordi illi l-appellanti u Bonnici bdew ighaddu kummenti fil-konfront ta' xulxin fejn dawn jikkontendi illi f'hin minnhom l-appellanti instemghet tghid il-kelma "pulcinell" lil Bonnici. Illi dawn iz-zewg xhieda indipendenti ghalhekk jikkonfortaw it-tezi ta'l-appellanti u ta' ommha illi mhuwiex minnu illi kienet l-appellanti illi l-ewwel li indirizzat lil Bonnici billi hekk kif ratu qalet il-kliem ingurjuzi, izda dan sehh wara divverbju illi inqala' bejniethom fejn dawn bdew ighaddu kummenti fil-konfront ta' xulxin. Allura huwa kredibbli dak li issostni l-appellanti meta tghid illi hija uzat il-kliem ingurjuz fil-konfront ta' Bonnici wara li dan ghajjarha bil-kelma "qahba". Illi wara dan id-divverbju kien Bonnici li hebb ghall-appellanti, kif inghad.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet allura din il-Qorti issa trid tistharreg jekk meta l-appellanti ghajjret lil Bonnici hija harrgitx barra mill-limiti tal-provokazzjoni kif stabbilit fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9. Illi kif gie stabbilit superjorment minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta:

**"... huwa evidenti li l-legislatur, meta si tratta tal-ingurja kontravvenzjonali kontemplata f'dana l-paragrafu, (u cioe' meta ma tkunx l-ingurja maghmula bil-hsieb specifiku li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd, kif kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali) qed jikkontempla mhux biss in-non-punibilita izda addirittura in-non-reita tal-ingurja maghmula *animus retorquendi* minhabba provokazzjoni, basta li jkun hemm element ta' proporzjonalita bejn il-provokazzjoni u ir-ritorsjoni. Din di-dissoluzzjoni tal-htija isehh in omagg ghall-**

**aforisma ta' Papinjanu "*paria delicta mutual compensatione dissolvuntur* (jew *tolluntur*).[2]"**

F'dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma illi l-ingurja maghmula mill-appellanti Caroline Sammut ma kenitx teccedi il-limiti tal-provokazzjoni fic-cirkostanzi li fih sehh dana l-incident fejn il-kliem ingurjuz inghad bhala ritorsjoni ghal kliem li inghad fil-konfront taghha minn Bonnici u ghalhekk fit-termini ta'l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali dik l-ingurja ma kenitx tammonta ghal reat kontravvenzjonali.

Illi il-provi lanqas ma setghu iwasslu ghal sejbien ta' htija ghaz-zewg imputazzjonijiet l-ohra. Illi ghal dak li jikkoncerna l-imputazzjoni dwar il-ksur tal-bon odni u l-paci pubblika gie mghallem mill-gurisprudenza illi

**"Ghall-fini tar-reat tal-ksur ta' l-ordni pubbliku mhux bizzejjed il-livell u l-ghajat li jiddisturba lic-cittadin fl-okkupazzjoni ordinarja tieghu. Jehtieg li jkun hemm apprensjoni jew allarm fil-pubbliku." – Il-Pulizija vs Vincent Petroni – App. Inf – 20/05/1993**

Issa huwa ben assodat f'dan il-kaz illi l-incident sehh gewwa ghassa tal-pulizija post fejn ic-cittadin jirrikorri sabiex jigi imrazzan il-ksur tal-ordni pubblika. L-ghemil tal-appellanti ghalhekk ma seta qatt iwassal sabiex ikun hemm dak it-thassib jew biza dwar l-inkoluminita fizika tal-persuna jew tal-propjeta', tant illi hekk kif kien hemm imqar minimu ta' reazzjoni ghall-ghemil ta' dawn in-nies li kienu involuti f'argument, il-pulizija prezenti gewwa l-ghassa razznu din l-imgieba minnufih. Di piu ma jidhirx illi l-appellanti kienet qed taghmel xi storbju permezz ta' ghajjat jew glied ghaliex il-pulizija stess jishqu illi kull ma ghamlet kien li ghaddiet il-kummenti fil-konfront ta' Bonnici fejn fost ohrajn uzat il-kelma "pulcinell". Il-pulizija jidher li kellhom jintervjenu biss meta Bonnici hebb ghaliha f'nofs l-argumenti li kienu ghaddejjin bejn il-membri kollha ta' din il-familja prezenti gewwa l-ghassa tal-pulizija. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-fatti imputati lill-appellanti ma jinkwadrawx ruhhom minimament fl-elementi legali mehtiega ghal sejbien ta' htija ghal din il-kontravvenzjoni.

---

[2] Il-Pulizija vs Joe sive Joseph Vella – deciza 07/12/1995 per Prim'Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano

Finalment mill-provi mismugha quddiem din il-Qorti ma jirrizultax lanqas illi tista' tinstab htija ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-appellanti billi l-ebda wiehed mix-xhieda li xehdu ma jindikaw illi f'xi hin Sammut naqsset milli tobdi xi ordni maghmula lilha mill-pulizija. Lanqas l-ufficjali tal-pulizija li kienu involuti ma jindikaw fl-affidavits minnhom ipprezentati fl-atti illi huma ghaddew xi ordni lill-appellanti li hija injorat jew inkella illi hija fixxklithom jew indahhlitilhom b'xi mod milli jaghmlu d-dmirijiet taghhom. Kwindi lanqas dina l-akkuza ma hija ippruvata.

Maghmula dawn il-konsoderazzjonijiet dottrinali u fattwali, jidher illi l-appell imressaq 'il quddiem mill-appellanti jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza impunjata moghtija mill-Ewwel Qorti fid-09 ta' Marzu 2015 qed tigi revokata. Il-Qorti ghalhekk qed tillibera lill-appellanti minn kull htija u imputazzjoni.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur